**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 ta' Frar, 2019**

**Rikors Nru: 239/2018 MLF**

**Tarcisio Curmi**

**Vs**

**Karl Blundell**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' ghaxart elef, mija u wiehed u erbghin Ewro u sittin-ewro centezmi (€10,141.60c), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti l-valur tal-karozza tal-marka FIAT CinqueCento (500) mudell tas-sena 1970 bin-numru tar-registrazzjoni KAV-678, li giet konsenjata lilu sabiex jaghmel xoghol ta' *spray* u sabiex tigi ikkonsenjata lura lill-attur fi stat komplut, u liema vettura giet ikklassifikata *"total loss"*, wara illi l-garaxx tal-konvenut gie mahkum minn nirien, u ta' spejjez inkorsi attribwibbli lill-intimat.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju, 2014 bin-numru ta' referenza 1353/2014, u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv u finali, kontra l-konvenut, li minn issa huwa msejjah ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2018, deher il-konvenut u peress li mill-atti ma irrizultax li kien notifikat ufficjalment, il-qorti ghaddietlu seduta stante kopja tar-rikors promotur, tal-avviz tas-smiegh ghas-seduta ta' dakinhar u tal-hlasijiet dovuti lir-registru, u l-konvenut ta ruhu b'notifikat. Il-qorti tat lill-konvenut ghoxrin (20) gurnata zmien minn dak in-nhar biex jipprezenta ir-risposta tieghu.

Rat li fis-seduta sussegwenti tat-30 ta' Jannar 2019, il-konvenut ma deherx u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta l-avukat difensur tal-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Ghalkemm fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2019, il-konvenut gie imsejjah tlett darbiet, huwa naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' ghaxart elef, mija u wiehed u erbghin Euro u sittin centezmu (€10,141.60c), bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju, 2014 bin-numru ta' referenza 1353/2014, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**